**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 1348/2023 MS*

**Carmel sive Charles Mifsud**

**Vs.**

**Direttur tal-Aġenzija tal-Qrati ta’ Malta,**
**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, u b’digriet tat-30 ta’ Mejju 2024, il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawża ta’ Rita Muscat, l-Avukat Christopher Cilia u l-Avukat Timothy Bartolo**

Illum, 19 ta’ Mejju 2025

Kawża Numru: 7

1. Dan huwa provvediment finali dwar talba magħmula mir-rikorrent għar-ritassazzjoni tal-ispejjeż tal-kawża bin-numru 485/2018 JVC fl-ismijiet *Rita*

*Muscat vs. Carmelo sive Charles Mifsud*, li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 t'Ottubru 2023 (minn issa 'l quddiem riferuta bħala «il-Kawża»).

2. Din il-proċedura inbdiet b'rikors li ġie preżentat fis-27 ta' Novembru 2023, li bih intalab lil din il-Qorti «*… tordna lil konvenut sabiex jirrevedi t-taxxa billi jikkalkula d-drittijiet skond il-valur tas-sehem riservat*».

3. Fil-Kawża kienu ġew dedotti t-talbiet li ġejjin:

> i. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandha d-dritt li tircievi l-porzjoni riservata skont il-ligi mill-assi patrimonjali tad-defunt missierha Michael Mifsud u pagabbli lill-istessrikorrenti mill-intimat;
>
> ii. Tifforma, tillikwida l-wirt ossia l-assi partikolari tad-defunt Michael Mifsud konsistenti fl-assjemtal-assi ul-gidparafernali tieghu u ta' nofs indiviz tal-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejnu u bejn id-defunta ommha MariaAssunta Mifsud, flimkien mal-frutti u sostanzi kollhaprovenjenti u derivanti mill-istess wirt, u dan sabiextigi likwidata u assenjata l-porzjoni rizervata spettanti lir- rikorrenti skont il-ligi minn dawn l-assi;
>
> iii. Tifforma, tillikwida u tassenja lir-rikorrenti l-porzjoni rizervata skont il-ligi mill-assi partikolari tad-defunt missierha Michael Mifsud;
>
> iv. Tikkundanna lill-intimat Carmel sive Charles Mifsudsabiexjassenja lir-rikorrenti l-porzjoni rizervata spettanti lilhahekkkif likwidata, flimkien mal-imghax legali dekoribbli skont illigi sa mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali numru1138/2018 sad-data tal-pagament effettiv;
>
> v. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika kwalsijasi att li jista' jkun mehtieg jew opportun, jekk ikun il-kaz, f'dakiljum, hin u lok li joghgobha tordna din l-Onorabbli Qorti kif ukoll kuraturi sabiex jirraprezentawlill-eventwali kontumaci;
>
> vi. Tiddikjara li l-esponenti rrendiet servigi, kuri u assistenzi lid-defunt missierha Michael Mifsud;
>
> vii. Tillikwida l-kumpens dovut lill-esponenti mill-intimat bhalal-eredi universali tad-defunt Michael Mifsud, u dan ghas-servigi, kuri u assistenzi rezi mill-esponenti lid-defunt missierha Michael Mifsud;

viii. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti l-ammont dovut ghas-servigi, kuri u assistenzi rezi minnha lid-defunt missierha, hekk kif likwidat;

4. It-taxxa relattiva għall-ispejjeż tal-Kawża inħadmet fit-23 ta' Novembru 2023[1]. Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent fisser li d-drittijiet tar-reġistru u tal-avukat fil-kawża fuq imsemmija inħadmu erronjament billi ġew kalkolati fuq l-eredità intiera, u mhux fuq is-sehem riżervat li effettivament ġie likwidat favur l-attriċi.

5. Id-Direttur u r-Reġistratur intimati wieġbu fit-12 ta' Frar 2024.

6. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2024, ir-rikorrent talab il-konnessjoni tal-kawżi bin-numri 1332/2023, 1333/2023 u 1349/2023 mal-kawża odjerna, billi dawn il-kawżi l-oħrajn ukoll jitolbu ir-ritassa dwar kawżi li kienu konnessi u ġew deċiżi flimkien mal-Kawża. It-talba għall-konnessjoni intlaqgħet dakinhar stess.

7. It-tielet eċċezzjoni tal-intimati ġiet sorvolata bil-korrezzjoni mitluba u akkordata fl-udjenza tat-8 t'April 2024[2], filwaqt li t-tieni eċċezzjoni tagħhom ukoll ġiet sorvolata wara ċ-ċessjoni parzjali fil-konfront tad-Direttur intimat preżentata fl-istess udjenza[3].

8. Imbagħad b'dikriet kamerali mogħti fit-30 ta' Mejju 2024[4], il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża tal-attriċi fil-Kawża kif ukoll tal-avukati dehru għaliha f'dik il-kawża. L-avukati kjamati fil-kawża u l-attriċi fil-Kawża wieġbu bi tweġibiet separati fil-21 t'Ottubru 2024[5] billi kkontestaw fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti.

9. Essenzjalment il-kwistjoni mqanqla f'dawn il-proċeduri hija waħda: jekk it-tassazzjoni tal-ispejjeż tal-Kawża kellhiex isir abbażi tal-valur likwidat favur l-attriċi inkella abbażi tal-valur tal-eredità li kellha tiġi wkoll likwidata sabiex issir il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat li kien intalab mill-attriċi fil-Kawża.

---

[1] Fol.3.
[2] Fol.11.
[3] Fol.12.
[4] Fol.18.
[5] Fol.22.

10. Fit-Tariffa A tal-Iskeda A fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili insibu l-paragrafu 3 li jgħid hekk:

> B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:
> …

11. Dan il-paragrafu mit-Tariffa A jipprevedi d-drittijiet dovuti lir-Reġistru tal-Qorti skont il-valur tal-kawża. Huwa ċar minn eżami ta' dawk id-dispożizzjonijiet li dawk id-drittijiet għandhom jitħallsu mal-preżentata. Biss huma varji ċ-ċirkostanzi fejn il-valur tat-talbiet ma jkunx jirriżulta mill-att innifsu, u f'dawk iċ-ċirkostanzi l-liġi timponi minimu li għandu jitħallas minn min jippreżenta l-kawża[6], b'riżerva li d-drittijiet in eċċess ta' dak il-minimu mbagħad jitħallsu mat-tmiem tal-proċeduri[7].

12. Huwa rilevanti għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti l-paragrafu 4(1)(b) tal-istess Tariffa, li jgħid hekk:

> Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jiġi intaxxat skont ir-regoli li ġejjin:
> …
> (b) F'kawżi li għandhom x'jaqsmu mad-diviżjoni ta' proprjetà, kemm inter vivos kif ukoll causa mortis, u indipendentement jekk id-diviżjoni nnifisha tiġix mitluba jew le, u **<u>f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mas-suċċessjoni</u>**[8], l-attur jista', flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti lista tal-proprjetà li tagħha tkun qed tintalab id-diviżjoni jew li tkun involuta fis-suċċessjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni ffirmata u maħlufa minn perit f'każ ta' beni immobbli u minn stimatur kompetenti f'każ ta' beni mobbli, li jiċċertifikaw il-valur ta' dik il-proprjetà, u l-valur jiġi intaxxat skont l-ammont totali ta' dik l-istima:
> Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn €700

[6] Paragrafu 4(2) tat-Tariffa A.
[7] Paragrafu 4(3) tat-Tariffa A.
[8] Enfażi u sottolinear miżjud mill-Qorti.

13. Din id-dispożizzjoni tipprovdi għal mod kif l-attur jista' jħallas mal-preżentata d-drittijiet tar-Reġistru dovuti minnu fejn il-valur tat-talbiet tiegħu ma jkunx jirriżulta mill-att promotur. F'tali każ, l-attur jista' fejn il-kawża «għandha x'taqsam mas-suċċessjoni» flimkien mal-att promotur jehmeż dikjarazzjoni ffirmata u maħlufa minn perit arkitett bil-valur «tal-proprjetà li tagħha tkun qed tintalab id-diviżjoni jew li tkun involuta fis-suċċessjoni». Il-liġi mbagħad tgħidlek li jekk din il-lista bil-valuri ssir, il-valur jiġi ntaxxat skont «l-ammont totali ta' dik l-istima».

14. Huwa għalhekk evidenti minn din id-dispożizzjoni li l-valur taxxabbli bħala drittijiet tar-Reġistru f'kawżi dwar suċċessjoni, jinħadem abbażi tal-proprjetà involuta fis-suċċessjoni, u ċjoè l-proprjetà kollha. Huwa minnu li l-intaxxar abbażi tal-lista bil-valuri imsemmija fil-paragrafu 4(1)(b) tat-Tariffa huwa fakultattiv għall-attur. L-attur jista' jagħżel – kif invarjabbilment fil-prattika jagħżel – li jħallas il-minimu tad-drittijiet tar-Reġistru, bl-obbligu però li jħallas l-ammont żejjed fit-tmiem tal-proċeduri. Ammont żejjed li però u loġikament jinħadem skont l-istess *ratio* li abbażi tiegħu jinħadem l-ammont impost skont il-paragrafu 4(1)(b), u ċjoè fuq il-proprjetà kollha involuta fis-suċċessjoni. Fil-fatt il-paragrafu 4(3) jgħid hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ

15. Fil-każ tad-drittijiet dovuti lill-avukati u lill-prokuraturi legali, japplikaw tariffi differenti. Fit-Tariffa E tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili insibu l-paragrafi 13 u 14, li jgħidu kif ġej:

> 13.Għal kull sentenza definittiva:

> (i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ...................................... €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla
> (ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €232.94 ..................................€6.99
> (iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 .....2.33
>
> Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.
>
> 14.Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

16. Il-kwistjoni għalhekk hija liema valur għandu jitqies għall-iskop tal-eżerċizzju mpunjat mir-rikorrent.

17. Huwa miżmum konsistentement li: «*…t-tassazzjoni tal-kawżi għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi nkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dana s-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa ("quod disputatum est"), jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda*»[9].

18. Rilevanti wkoll id-deċiżjoni ***Gustavo Micallef et vs. Eleonora Micallef et*** (Prim'Awla, 24 ta' Lulju 1946)[10] fejn intqal:

> Illi, kif ġie ripetutament deċiż, partikolarment dan l-aħħar fis-sentenza ta' din il-Qorti "Falzon vs. Dr. Vella ne" tat-28 ta' Frar 1946 (ara ġurisprudenza fiha ċitata) – sentenza li, kwantu għall-prinċipju regolatur, ma ġietx varjata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-1 ta' Lulju 1946 – il-prinċipju enunċjat in linja ta' massima, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjali tiġi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma hix determinata, ma hux inflessibili, imma għandu jiġi raġonevolment

[9] ***Avv. Dr. Giuseppe Pace et vs. Avv. Dr. Giuseppe Vella ne. et*** (Prim'Awla, 1 t'Ottubru 1948 – Kollezz. Vol.XXXIII.ii.311).
[10] Kollezz. Vol.XXXII.ii.424.

> kwalifikat, kif ġie mill-ġurisprudenza kwalifikat, bil-prinċipju l-ieħor illi meta minn dak li jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso", ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni ta' l-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avvolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata. Il-kelma "domanda" ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens, "in subjecta materia", tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni.

19. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-kumpless tal-kontroversja li fuqha ingħatat is-sentenza fil-Kawża kien proprju jirrigwarda l-konsistenza tal-eredità li dwarha ġie likwidat dan is-sehem riżervat. Huwa biss loġiku li sabiex wieħed jasal għal dak is-sehem riżervat, irid jidħol f'eżami li permezz tiegħu tiġi determinata l-konsistenza ta' dik l-eredità bil-għan tar-rikostruzzjoni fittizja meħtieġa skont il-ġurisprudenza in materja, bl-addizzjoni ta' provi sabiex jiġi identifikat kemm l-attiv u kemm il-passiv tagħha. Isegwi minn dan li l-massa litiġjuża diskussa fil-Kawża kienet proprju l-eredità u fuq il-valur tagħha għalhekk kellhom jinħadmu d-drittijiet in kwistjoni.

20. Il-ġurisprudenza wkoll hija f'dan is-sens.

21. Fid-deċiżjoni ***Adelaide Ellul et vs. Direttur Ġenerali tal-Qorti et*** (Appell Superjuri, 30 ta' Novembru 2012) ġie osservat:

> 12. Dwar jekk it-taxxa tinħadimx fuq il-valur kollu tal-assi ereditarju jew biss fuq il-leġittima jew fuq it-tnejn flimkien, il-qorti tosserva illi, effettivament, kawża għall-ħlas tas-sehem riżervat hija kawża għall-qsim ta' proprjetà ġejja minn wirt – jekk is-sehem tal-attur huwiex ġej minn testment jew *ab intestato* jew huwiex sehem riżervat huwa indifferenti. Għalhekk id-dritt tal-avukat jinħadem fuq il-valur totali tal-assi, kif igħid u jrid il-para. 16 tat-Tariffa E:
>
> «16. F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà, indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss ad valorem … fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma – iżda f'kawża ta' diviżjoni ta' proprjetà causa mortis dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet … … …»

> 13. L-istess prinċipju jgħodd fil-każ tad-dritt tar-reġistru, kif jixhed il-para. 4(1)(b) moqri mal-para. 4(3) tat-Tariffa A.
>
> 14. Id-dritt tar-reġistru u tal-avukat għalhekk kellu jinħadem fuq il-valur totali tal-assi tal-wirt kif muri fl-iskeda mehmuża ma' din is-sentenza.

22. Biex wieħed jgħid kollox, is-sehem riżervat li dwaru saret ir-ritassa maqtugħa permezz tad-deċiżjoni appena ċitata kien twieled minn eredità li nfetħet qabel l-emendi estensivi magħmula lil-liġi tas-suċċessjoni fis-sena 2004, u li wasslu għall-bidla li permezz tagħha dak is-sehem ma baqax meqjus bħala *in natura* fuq il-ġid tal-mejjet imma biex wieħed ta' kreditu *ab initio*. Dan ifisser li r-raġunament applikat fid-deċiżjoni ***Ellul et vs. Direttur Ġenerali tal-Qorti et***, għalkemm kien korrett meta sar, m'għadux applikabbli llum, għaliex il-likwidazzjoni tal-kreditu dovut lil-leġittimarju mhux ekwiparabbli ma' talba għall-qsim tal-wirt.

23. Sussegwentement il-kwistjoni ġiet eżaminata mill-ġdid minn ottika differenti (li hija ugwalment applikabbli għall-fattispeċi li għandha quddiemha din il-Qorti) fid-deċiżjoni ***Salvatore Vella et vs. Ir-Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali) et*** (Appell Superjuri, 9 ta' Diċembru 2021), fejn ingħad hekk:

> 18. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, apparti t-talba u l-eċċezzjoni tal-kontendenti fil-kawża, dik il-Qorti ma setgħet qatt tiddetermina l-valur tas-sehem riżervat jekk qabel ma jiġux determinati l-assi ereditarju. Kwindi huwa pjuttost loġiku li t-taxxa tad-drittijiet kellha tinħadem *ad valorem* fuq il-valur tal-wirt kollu ta' Saviour Vella. Wara kollox l-indaġni tal-Qorti kienet estensiva sabiex jiġu determinati numru ta' punti, fosthom il-komputazzjoni tal-assi ta' Saviour Vella, l-*punctum temporis* relattiv għall-valutazzjoni tal-assi ereditarju. Mhuwiex konċepibbli kif il-Qorti setgħet tasal għas-sehem riżervat mitlub mir-rikorrenti mingħajr ma tidħol fil-mertu tat-totalita` tal-assi ereditarju li jitqiesu li kienu formanti parti mill-massa litiġjuża. Il-*quod disputandum* ma kenitx biss is-sehem riżervat tar-rikorrenti, tant hu hekk li r-rikorrenti kienu qiegħdin jikkontendu wkoll permezz tal-eċċezzjonijiet tagħhom f'dik il-kawża li r-rikorrent kien eskluż mill-wirt tat-testatur għal kawża ġusta, apparti li kellhom jiġu likwidati l-assi ereditarju ta' Saviour Vella qabel ma seta' jiġi kalkulat is-sehem riżervat. Kwindi ma jagħmilx sens li t-taxxa tinħadem biss fuq il-valur tal-leġittima kif jippretendu l-appellanti.

24. Irrispettivament mill-fatt li anki f'dan l-aħħar każ iċċitat, is-sehem riżervat ukoll kien jedd *in natura* fuq il-ġid tal-mejjet, ġie deċiż li t-tassazzjoni tal-ispejjeż ġudizzjali kellhom jinħadmu fuq il-valur tal-eredità għax huwa dak il-valur li jikkostitwixxi *quod disputatum est*.

25. Pożizzjoni li ġiet imħaddna wkoll fid-deċiżjonijiet ***Anthony Camilleri et vs. Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex et*** (Qorti tal-Maġistrati Għawdex, 13 ta' Lulju 2018) u ***Maria Rita Meilak vs. Reġistratur tal-Qorti t'Għawdex et*** (Qorti tal-Maġistrati Għawdex, 6 ta' Diċembru 2011).

26. Ir-rikorrent f'dawn il-proċeduri jsostni li fil-Kawża ma kien hemm ebda tilwima dwar il-konsistenza tal-eredità, u għalhekk id-drittijiet tad-difensuri ma kellhomx jiġu likwidati fuq il-massa ereditarja iżda biss fuq l-ammont likwidat. Fin-nota ta' riferenzi tiegħu, huwa ma jiċċitax awtoritajiet ġodda dwar dan il-punt, iżda enfażizza li l-awtoritajiet ċitati aktar kmieni f'din id-deċiżjoni kienu lkoll ibbażati fuq il-fatt li kien hemm kontestazzjoni dwar il-konsistenza tal-eredità.

27. Il-Qorti rat is-sentenza finali mogħtija fil-Kawża, u hija tal-fehma li l-argument tar-rikorrent li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-massa ereditarja m'għandux fondament. Mhux meħtieġ li l-kontestazzjoni tkun dwar kull u kwalsiasi aspett tal-konsistenza tal-eredità – dak li hu neċessarju huwa li jkun hemm nuqqas ta' qbil li jinneċessita likwidazzjoni mill-Qorti. Likwidazzjoni li ma tkunx neċessarja kieku tassew kien hemm qbil bejn il-partijiet. Iżda proprju għaliex ma kienx hemm qbil dwar kollox (speċjalment dwar il-valuri ta' ċertu oġġetti u dwar liema djun kellhom jitnaqqsu mill-attiv tal-eredità), kienet neċessarja l-likwidazzjoni ġudizzjarja u għalhekk isegwi li l-massa ereditarja kienet proprju tikkostitwixxi *quod disputatum est*.

28. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-mod kif ir-Reġistratur intimat ikkalkola t-taxxa mpunjata huwa korrett u konformi mal-prinċipji applikabbli kif mirquma mill-ġurisprudenza u mit-tariffi ċitati.

29. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti sa fejn saru fil-konfront tad-Direttur intimat billi ġew ċeduti, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontrih.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur